# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2002.**

**Numru 2**

**Avviz numru 640/01mm**

**Victor Grima ta' V&J Grima Filling Station**
**vs**

**Korporazzjoni EneMalta**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-27 ta' Gunju, 2001, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta illi thallas u tirrifondi lill-attur is-somma ta' disa' mija u wiehed u sebghin Liri Maltin (Lm971.00c) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti dawk l-ammonti li gew indebitament u minghajr ebda raguni valida fil-Ligi mizmuma mill-Korporazzjoni konvenuta taht forma ta' penali ai termini tal-artikolu (K) tal-ftehim li sar bejn l-EneMalta u l-G.R.T.U. stante li l-attur b'ebda mod ma

wettaq atti li jmorru kontra l-ftehim sudett u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza u kif gja spjegat lill-Korporazzjoni konvenuta anke permezz ta’ korrispondenza.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali datata 9 ta’ Marzu, 2001 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Korporazzjoni konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat illi l-ammont pretiz ma jeccedix l-elf Liri Maltin (Lm1000).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante li ma huma dovuti l-ebda flus lill-attur a bazi tal-ftehim indikat minnu.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur fl-avviz tieghu naqas mill jindika f’liema perjodu gew mizmuma l-ammonti ndikati minnu mill-Korporazzjoni konvenuta taht forma ta’ penali.

Salvi eccezzjonijiet uterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa proprjetarju ta' pompa tal-petrol fis-Saqqajja, r-Rabat.  Fil-31 ta' Jannar, 1999, irrealizza illi l-Korporazzjoni konvenuta kienet qeghda tnaqqas il-profitti mill-konsenja ta' petrol illi kienet qeghda taghmillu.  Damet tliet gimghat tnaqqas dawn il-profitti ghal total ta' disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm971.00).  Gie allegat illi l-attur kiser il-ftehim illi kien hemm mall-G.R.T.U. illi jirigwarda l-pompi awtomatici.

Irrizulta illi dawn il-pompi gew introdotti ghall-ewwel darba fis-suq Malti f'Ottubru tas-sena ta' qabel, l-1998, u peress illi kienet xi haga gdida fis-suq, il-konsumatur kien qieghed isib diffikulta biex joperahom.  Kien hemm pero' arrangament mall-G.R.T.U. illi dawn il-pompi awtomatici kellhom ikunu operati biss mill-konsumatur u is-sidien tal-pompi ma kellhomx jintervjenu.

Jidher illi saret spezzjoni f'gurnata tal-Hadd fil-pompa ta' l-attur u prezenti ghal din l-ispezzjoni kien hemm Leonard Callus illi huwa Chief Technical Officer u Inspector ma' l-Enemalta.  Meta mar fuq il-post ra illi kien hemm wiehed mis-sidien ma' din il-pompa.  Kien hemm ukoll nies qeghdin jiehdu l-petrol mill-*automatic machines*. Pero' ma kien hemm hadd mis-sidien jghin lil dawn in-nies.  S-Sur Callus jghid testwalment b'referenza ghall-attur, "…pero' ma kien qed jaghmel xejn, la kien qed iservi minn pompi awtomatici u l-anqas minn pompi manwali."  S-Sur Callus jirrikonoxxi illi dawn il-pompi awtomatici kienu ghadhom kemm gew introdotti fis-suq ftit xhur qabel u ma kienx daqshekk facli ghall-komsumatur illi jidrahom.

L-attur jikkonferma dan u jghid illi ma kinitx l-ewwel darba li xi klijent jigi jistaqsih kif il-pompa tahdem u b'sens ta' kortezija l-attur kien juri lil dan il-klijent kif ihaddmuha. Fi kwalunkwe kaz, l-operazzjoni tal-pompa kienet issir mill-istess klijemt.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi illi gew prodotti l-Qorti ma tara xejn irregolari fl-operat ta' l-attur jew huh illi xi kultant kien prezenti f'din il-pompa.

Dakinhar illi saret l-ispezzjoni l-attur kien qieghed josserva t-termini tal-ftehim mal-G.R.T.U. u kien qieghed biss jaghti struzzjonijiet lill-klijenti, jekk inhuwa l-kaz, kif jigu operati l-*automated machines*. Zgur pero' ma rrizultax illi huwa kien effetivament qieghed jaghti l-petrol minn dawn il-makni.

Ghalhekk l-allegazzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta illi huwa kiser dan il-ftehim u b'hekk arbittrarjament kienu naqqsu tliet gimghat profitt kienet allegazzjoni ghal kollox kategorika u decizjoni arbitrarja illi m'ghandhiex fondament fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi.

Fix-xhieda tieghu l-attur spjega fid-dettal il-perjodu ta' liema gimghat gew imnaqqsa l-profitti tieghu. Ghalhekk il-kwezit imqajjem mill-Korporazzjoni Enemalta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha gie sodisfatt. Mill-bqija l-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu ragun jitlob ir-refuzjoni ta' dawn il-flus indebitament imnaqqsa u quindi l-Korporazzjoni EneMalta ghandha trodd lura dawn il-flus illi ngustament u minghajr raguni valida naqqset mill-profitti ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta illi thallas u tirrifondi lill-attur is-somma ta’ disa’ mija u wiehed u sebghin Liri Maltin (Lm971.00c) rapprezentanti dawk l-ammonti li gew indebitament u minghajr ebda raguni valida fil-Ligi mizmuma mill-Korporazzjoni taht forma ta’ penali ai termini tal-artikolu (K) tal-ftehim illi sar bejn l-EneMalta u l-G.R.T.U. stante, li l-agir ta’ l-attur b’ebda mod ma mar kontra l-ftehim

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz kontra l-Korporazzjoni konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur